QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

SEDE CIVILI

MAGISTRAT: DR DENNIS MONTEBELLO B.A. LL.D.

SEDUTA TA' NHAR IL-GIMGHA 27 TA' APRIL 2001

Rikors Nru 1120/98DM

Vassallo Marble Works Limited

vs

John Caruana u martu Josephine Caruana

Il-Qorti,

Rat l-avviz tal-atturi ghal-kundanna tal-konvenuti sabiex jhallsu lis-socjeta attrici, is-somma ta’ LM180 (mija u tmenin lira maltija ) rapprezentanti prezz ta’ kiri ta’ hoist, bil-Lm5 kulljum, ghal 36 (sitta u tletin) gurnata eskluzi l-Hdud mit-2 t’Ottubru 1997, skond il-ftehim li sar bejniethom.

Bl-interessi kummercjali mill-15 ta’ Novembru 1997 sad-data tal-effettiv pagament, u bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra nterpellatorja tal-4 ta’ Mejju 1998, kontra l-konvenuti, li gew ngunti biex jidhru u ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti fejn eccepew:-

1 Illi t-talbiet attrici ghandhom jigu respinti, bl-ispejjez kontra l-attur in kwantu huma infondati fil-fatt u fid-dritt u dan peress illi l-imsemmi hoist gie mikri bir-rata ta' Lm2 kuljum ghal sitta u ghoxrin gurnata.

2 Illi l-partijiet kienu ftehmu li l-prezz li kellu jithallas kien ta' LM2 kuljum ghal kull gurnata ta' xoghol bl-intendiment car illi ma kellu jithallas ebda ammont ghall-granet fejn ma kienx isir xoghol u cioe' nhar ta' Sibt u Hadd.

3 Illi l-konvenut avvicina lill-attur sabiex ihallsu l-ammont ta' LM52 li tutt'ora jirrikonoxxi li huma dovuti lill-attur.

4 Salvi eccezzjonijiet ulterjuri

Rat il-verbal tal-15 ta' April 1999 fejn gie pprezentat kapitolu ghas-subizzjoni

Rat in-noti tas-Socjeta attrici ipprezentata fit-3 ta' Novembru 2000

Semghet ix-xhieda prodotti

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha tal-process; u

Ikkunsidrat:-

Il-kwistjoni bejn il-kontendenti tirrigwarda biss il-kundizzjonijiet miftehma dwar il-kiri tal-hoist ikkonsenjat fit-2 ta' Ottubru 1997. Il-kontestazzjoni tal-konvenut tirrigwarda mhux biss ir-rata ta kull jum applikata mill-atturi, izda anke iz-zmien tal-kiri u jekk kientx dovuta kera ghall - granet ta' nhar ta' Sibt.

Biex jipprovaw il-ftehim allegat minnhom, l-atturi pproducew bhala xhieda lil George Vassallo li rrappresenta l-kumpanija fil-ftehim u lill-impjegat Nazzareno Busuttil li jallega li kien prezenti. Dawn it-tnejn jikkonfermaw li l-hoist kien inkera bir-rata ta LM 5 kull jum, eskluzi l-Hdud.

Ghalkemm il-konvenut jikkontesta dan, id-deposizzjoni tieghu fir-rigward ma kienetx affidabbli. Infatti lanqas ma huwa cert dwar ir-rata originarjament mitluba mill-atturi u jsemmi jew Lm4 jew xi haga fuq l-Lm4; ma jispjegax ghaliex ma kellux ihallas kera ghall-granet tas-Sibt u fl-ahhar anke sosstna li kien dubbjuz jekk fil-fatt kellhux ihallas kera.

Ghaldaqstant issib illi l-atturi waslu ghall-prova rikjesta minnhom, anke dwar iz-zmien li fih l-appart dam mikri u ghalhekk tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut biex ihallas lis-socjeta attrici, is-somma ta' Lm180 (mija u tmenin lira maltija) rapprezentanti prezz ta' kiri ta' hoist, bil-LM5 kull jum, ghal 36 (sitta u tletin ) gurnata eskluzi l-Hdud mit-2 t'Ottubru 1997; bl-imghax kummercjali mid-29 ta' Mejju 1998.

Bl-ispejjes kontra l-konvenut.

Magt Dr D Montebello B A LLD

S. Farrugia
Dep Reg
civ17